Nru./No. 18,656
Prezz/Price
€3.73

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 15 ta' Ottubru, 2010
Friday, 15th October, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8609 - 8616
*Government Notices* ..... *8609 - 8616*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8617 - 8618
*Notices to Mariners* ..... *8617 - 8618*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8618 - 8620
*Employment Opportunities* ..... *8618 - 8620*

Avviżi tal-Gvern ..... 8621 - 8624
*Notices* ..... *8621 - 8624*

Offerti ..... 8624 - 8662
*Tenders* ..... *8624 - 8662*

Avviżi tal-Qorti ..... 8662 - 8684
*Court Notices* ..... *8662 - 8684*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1026**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 59 imsejjaħ Att tal-2010 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

**Nru. 1027**

**ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)**

**Regoli tal-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet (A.L. 105/90)**

Il-PRIM Ministru approva l-għoti tal-Midalji u *Clasps* għal Servizz Twil u Effiċjenti lill-membri li jservu fil-Forzi Armati ta' Malta, biex jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2010, kif jidher hawn taħt:

*Il-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti lill-membri li jkunu għamlu 18-il sena servizz:*

| Nru tal-Armata<br>*Army No.* | Rank<br>*Rank* | Isem<br>*Name* |
|---|---|---|
| | Major | A. Brincat |
| | Major | J. O'Neill Clinton |
| | Lieutenant | P. P. Carabez |
| 85980 | Warrant Officer 2 | M. A. Brincat |
| 85842 | Sergeant | J. Abela |
| 6332 | Sergeant | M. Bugelli |
| 342 | Bombardier | C. Dimech |
| 340 | Lance Bombardier | S. Cassar |
| 344 | Lance Bombardier | J. Vella |

*First Clasp għall-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti lill-membri li jkunu għamlu 25 sena servizz mogħtija lil:-*

| Nru tal-Armata<br>*Army No.* | Rank<br>*Rank* | Isem<br>*Name* |
|---|---|---|
| | Lieutenant Colonel | M. Schembri |
| | Major | M. A. Said |
| | Major | G. Abela |
| 85015 | Warrant Officer 1 | M. Borg |
| 85039 | Warrant Officer 1 | M.A. Scicluna |
| 85042 | Warrant Officer 1 | C. Pullicino |

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1026**

**PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 59 entitled the European Communities' Financial Interests Convention Act, 2010.

15th October, 2010

**No. 1027**

**ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)**

**Rules for Honours, Awards and Decorations, 1990 (L.N. 105/90)**

THE Prime Minister has approved the award of the Long and Efficient Service Medals and Clasps to serving members of the Armed Forces of Malta, to have effect on 1st October 2010, as shown below:-

*The Long and Efficient Service Medal on completion of 18 years service awarded to:*

| Nru tal-Armata<br>*Army No.* | Rank<br>*Rank* | Isem<br>*Name* |
|---|---|---|
| | Major | A. Brincat |
| | Major | J. O'Neill Clinton |
| | Lieutenant | P. P. Carabez |
| 85980 | Warrant Officer 2 | M. A. Brincat |
| 85842 | Sergeant | J. Abela |
| 6332 | Sergeant | M. Bugelli |
| 342 | Bombardier | C. Dimech |
| 340 | Lance Bombardier | S. Cassar |
| 344 | Lance Bombardier | J. Vella |

*First Clasp to the Long and Efficient Service Medal on completion of 25 years service awarded to:-*

| Nru tal-Armata<br>*Army No.* | Rank<br>*Rank* | Isem<br>*Name* |
|---|---|---|
| | Lieutenant Colonel | M. Schembri |
| | Major | M. A. Said |
| | Major | G. Abela |
| 85015 | Warrant Officer 1 | M. Borg |
| 85039 | Warrant Officer 1 | M.A. Scicluna |
| 85042 | Warrant Officer 1 | C. Pullicino |

| | | |
|---|---|---|
| 85104 | Warrant Officer 2 | R. Farrugia |
| 85100 | Warrant Officer 2 | J. O'Brien |
| 85007 | Warrant Officer 2 | N. Pisani |
| 85051 | Warrant Officer 2 | R. Ciantar |
| 85126 | Warrant Officer 2 | G. Mercieca |
| 85029 | Warrant Officer 2 | S. Cacopardo |
| 85023 | Staff Sergeant | N. Gatt |
| 85027 | Staff Sergeant | A. Cassar |
| 85124 | Sergeant | R. Zammit |
| 85037 | Sergeant | M. Mifsud |
| 85044 | Sergeant | J. Zammit |
| 85103 | Sergeant | G. Lombardi |
| 85046 | Sergeant | M. Kitcher |
| 85134 | Sergeant | P. Camilleri |
| 85110 | Sergeant | A. Azzopardi |
| 85079 | Sergeant | J.M. Gauci |
| 85101 | Bombardier | B. Sellar |
| 85013 | Bombardier | M. Tabone |
| 85018 | Bombardier | J. Buttigieg |
| 85073 | Bombardier | F. Micallef |
| 85133 | Bombardier | V. Ellul |
| 17922 | Bombardier | J. Abela |
| 17932 | Bombardier | M. Busuttil |

*Second Clasp għall-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti lill-membri li jkunu għamlu 30 sena servizz mogħtija lil:-*

*Second Clasp to the Long and Efficient Service Medal on completion of 30 years service awarded to:-*

| Nru tal-Armata<br>*Army No.* | Rank<br>*Rank* | Isem<br>*Name* |
|---|---|---|
| 61 | Warrant Officer 1 | C. Mercieca |
| 83 | Sergeant | M. Muscat |

Din l-informazzjoni qed tiġi ppubblikata skont id-dispożizzjoni tar-Regola 5 tar-Regoli tal-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet.

L-1 ta' Ottubru, 2010
OPM 283/86/1/II

The foregoing information is published in terms and for the purposes of Rule 5 of the Rules for Honours, Awards and Decorations 1990.

1st October, 2010

**No. 1028**

**UNURI U DEKORAZZJONIJIET BARRANIN**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1020 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,655 tat-12 ta' Ottubru, 2010 f'paġna 8526, ngħarrfu illi l-ewwel paragrafu għandu jkun kif ġej:

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29(1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika (Kap. 251), il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tad-dekorazzjonijiet li ġejjin mogħtija mill-Gvern tar-Repubblika Taljana fl-okkażjoni taż-Żjara Statali tal-President tal-Italja f'Malta.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

**No. 1028**

**FOREIGN HONOURS AND DECORATIONS**

WITH reference to Government Notice No. 1020 published in the Government Gazette No. 18,655 of the 12th October, 2010, on page 8526, it is notified that the first paragraph should read as follows:

IT is hereby notified that in terms of Section 29(1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act (Cap. 251), the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has authorised the recognition of the following decorations bestowed by the Government of the Italian Republic on the occasion of the State Visit of the President of Italy to Malta.

15th October, 2010

**Nru. 1029**

**ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSJUNARJI B'SETGĦA LI JAGĦTU ĠURAMENT (KAP. 79)**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-subartikolu (4) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, l-Avukat Ġenerali nnomina lin-Nutar Maria Spiteri ta' 145, Triq Birbal, Balzan, lin-Nutar Christian Magri ta' 111/1, Triq Manwel De Vilhena, Gżira GZR 1016, lin-Nutar Daniela Vella Borda ta' 145, Triq Birbal, Balzan sabiex ikunu Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

**No. 1029**

**COMMISSIONER FOR OATHS ORDINANCE (CAP. 79)**

IT is hereby notified that in virtue of subsection (4) of article 3 of the Commissioner for Oaths Ordinance, the Attorney General has nominated Notary Maria Spiteri of 145, Birbal Street, Balzan, Notary Christian Magri of 111/1, Manoel De Vilhena Street, Gżira GZR 1016, Notary Daniela Vella Borda of 145, Birbal Street, Balzan to be Commissioners for Oaths.

15th October, 2010

**Nru. 1030**

***WARRANT* MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom jiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

*Pulizija*
Spettur Jason Agius

*Dipartiment Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Nies Barranin*
Ms Nadia Cauchi — Is-Sur Alexander Fenech
Ms Dolores Portelli — Ms Ermelinda Zahra
Is-Sur Joseph Mizzi

B'Awtorità

CARMELO MIFSUD BONNICI
*Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern*

Il-15 ta' Ottubru, 2010
(MJHA/144/2003/VIII)

**No. 1030**

**WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS**

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

*Police*
Inspector Jason Agius

*Department of Citizenship and Expatriates' Affairs*
Ms Nadia Cauchi — Mr Alexander Fenech
Ms Dolores Portelli — Ms Ermelinda Zahra
Mr Joseph Mizzi

By Authority

CARMELO MIFSUD BONNICI
*Minister for Justice and Home Affairs*

15th October, 2010

**Nru. 1031**

**BORD GĦALL-KUMPENS TAL-KERA**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għoġbu japprova illi l-Bord għall-Kumpens tal-Kera jkun rikostitwit kif ġej:

*Chairperson*
Is-Sur Albert Mamo

*Membri*
Is-Sur Vince Gilson
Ms Margaret Falzon

**No. 1031**

**RENT COMPENSATION BOARD**

IT is notified for general information that the Minister of Finance, the Economy and Investment has been pleased to approve that the Rent Compensation Board be reconstituted as follows:

*Chairperson*
Mr Albert Mamo

*Members*
Mr Vince Gilson
Ms Margaret Falzon

Is-Sur Anthony Abela, A.& C.E.. B.Arch.
Is-Sur Joseph Agius Bonello, A. & C.E.
Is-Sur Joseph Mangion, A. & C.E., B. Arch (Hons)
Is-Sur Michael Schembri, A. & C.E.

*Segretarju*
Ms Miriam Camilleri

Il-15 ta' Ottubru, 2010

Mr Anthony Abela, A.& C.E.. B.Arch.
Mr Joseph Agius Bonello, A. & C.E.
Mr Joseph Mangion, A. & C.E., B. Arch (Hons)
Mr Michael Schembri, A. & C.E.

*Secretary*
Ms Miriam Camilleri

15th October, 2010

**Nru. 1032**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti (Informazzjoni, Turiżmu u Żvilupp Sostenibbli) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Ms Diane Oswald | Direttur<br>*Director* | Informazzjoni<br>*Information* | 12 - 15.10.2010 |

Il-15 ta' Ottubru, 2010

**No. 1032**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)**

THE Permanent Secretary (Information, Tourism and Sustainable Development) in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Ms Diane Oswald | Direttur<br>*Director* | Informazzjoni<br>*Information* | 12 - 15.10.2010 |

15th October, 2010

**Nru. 1033**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (GVERN LOKALI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti (Informazzjoni, Turiżmu u Żvilupp Sostenibbli) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Silvio Frendo | Direttur<br>*Director* | Gvern Lokali<br>*Local Government* | 12 - 15.10.2010 |

Il-15 ta' Ottubru, 2010

**No. 1033**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (LOCAL GOVERNMENT)**

THE Permanent Secretary (Information, Tourism and Sustainable Development) in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Silvio Frendo | Direttur<br>*Director* | Gvern Lokali<br>*Local Government* | 12 - 15.10.2010 |

15th October, 2010

**Nru. 1034**

**ĦATRA TA' AĠENT TABIB EWLIENI TAL-GVERN**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dr Charmaine Gauci | Tabib Ewlieni tal-Gvern<br>*Chief Government Medical Officer* | Saħħa<br>*Health* | 21–26.10.2010 |

Il-15 ta' Ottubru, 2010

**No. 1034**

**APPOINTMENT OF ACTING CHIEF GOVERNMENT MEDICAL OFFICER**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dr Charmaine Gauci | Tabib Ewlieni tal-Gvern<br>*Chief Government Medical Officer* | Saħħa<br>*Health* | 21–26.10.2010 |

15th October, 2010

**Nru. 1035**

**ATT DWAR IL-*CONDOMINIA***
**(Kap. 398)**

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:-

| Nru. tal-Condominium<br>*Condominium Number* | Indirizz tal-Condominium<br>*Address of Condominium* | Rimarki<br>*Remarks* | Data tar-Reġistrazzjoni<br>*Date of Registration* |
|---|---|---|---|
| 521 | 'San Martin Blokk A'<br>Triq San Martin<br>Żurrieq | Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 08/10/2010 |
| 522 | 'San Martin Blokk B'<br>Triq San Martin<br>Żurrieq | Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 08/10/2010 |

Dott. Keith Francis German, LL.D.
*Reġistratur tal-Artijiet*

Il-15 ta' Ottubru, 2010

**No. 1035**

**CONDOMINIUM ACT**
**(Cap. 398)**

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

| Nru. tal-Condominium<br>*Condominium Number* | Indirizz tal-Condominium<br>*Address of Condominium* | Rimarki<br>*Remarks* | Data tar-Reġistrazzjoni<br>*Date of Registration* |
|---|---|---|---|
| 521 | 'San Martin Blokk A'<br>Triq San Martin<br>Żurrieq | Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 08/10/2010 |
| 522 | 'San Martin Blokk B'<br>Triq San Martin<br>Żurrieq | Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 08/10/2010 |

Dr Keith Francis German, LL.D.
*Land Registrar*

15th October, 2010

**Nru. 1036**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma tinħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 05896/06
Post: Sit ġewwa Slip No. 6, Cassar Shipyard, Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa
Proposta: Sanzjonar ta' bini eżistenti u bini ta' estensjoni ta' *workshop*

**No. 1036**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 05896/06
Location: Slip No. 6, Cassar Shipyard, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa
Proposal: To sanction existing building as built and construct extension to workshop

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-2 ta' Marzu 2010 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali sottomessa fit-12 ta' Awwissu 2010.

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA in 2nd March 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 12th August 2010.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Impatti fuq l-ambjent marittimu | L-attività relatata mal-ingenjerija marittima ilha stabbilita fiż-żona għall-numru ta' snin, u għalhekk jekk ikun hemm impatti fuq il-bijoloġija tal-baħar, dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala insinifikanti meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' bħalissa. Iż-żona madwar il-kosta hija ikkaratterizzata minn ħama u sedimenti u baħar baxx. Xogħlijiet li ġa saru fiż-żona setgħu wasslu biex setgħu dardru xi ftit l-ilmijiet taż-żona u għalhekk l-impatt mhux meqjus bħala sinifikanti. |
| *Impacts on the marine environment* | *Marine related engineering activity has been historically established in the area, and thus direct impacts on the marine biology of the area are likely to be insignificant relative to the baseline situation. The littoral is characterised by shallow waters and sediments. Works may have resulted in turbulence in the area although the degree of turbulence is likely to be minimal and therefore not significant when considering the intensity of activity in the area.* |
| Użu ta' riżorsi naturali | L-iżvilupp jagħmel użu minn riżorsi naturali bħal franka, li mhix rinnovabbli u li hemm provvista żgħira għalih. Għaldaqstant, l-użu tar-riżorsi naturali mhux mistenni li jkollu impatt sinifikanti. |
| *Use of natural resources* | *The development will make use of natural resources such as franka stone blocks, which are non-renewable and in short supply. However, the use of natural resources is not likely to have a significant impact.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

15th October, 2010

**Nru. 1037**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

**No. 1037**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 15. 10. 10 | €31.573 | €0.568 |

Il-15 ta' Ottubru, 2010

15th October, 2010

**Nru. 1038**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS- SIĠĠIEWI**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fil-lista ta' toroq fis-Siġġiewi, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

**No. 1038**

**RENUMBERING OF DOORS AT SIĠĠIEWI**

IN exercise of the powers conferred by Section 115 of the Code of Police Laws (Chapter 10), the Minister for Resources and Rural Affairs has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned list of streets at Siġġiewi, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

**SIĠĠIEWI**

**1. TRIQ IL-KNISJA L-QADIMA**

| In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Pjazza San Nikola<br>*Left side entering from Pjazza San Nikola* | | In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Pjazza San Nikola<br>*Right side entering from Pjazza San Nikola* | |
|---|---|---|---|
| Isem/Numru Qadim<br>*Old Name/Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Old Name/Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
| Bieb bla numru | 1 | Bank of Valletta | 2 |
| Bieb bla numru | 3 | 61 | 4 |
| 4 | 5 | 60 | 6 |
| Bieb bla numru | 7 | 59 | 8 |
| Bieb bla numru | 9 | 58 | 10 |
| Bieb bla numru | 11 | 57, Mużew | 12 |
| Bieb bla numru | 13 | 56, Ta Xarin | 14 |
| Garaxx | 15 | Bieb bla numru | 16 |
| 11, Our Lady | 17 | Garaxx | 18 |
| Bieb bla numru | 19 | 54, Ave Maria | 20 |
| 13 | 21 | 53 | 22 |
| 15, Nicolina House | 23 | Bieb bla numru | 24 |
| Bieb tal-ġenb | 25 | Bieb bla numru | 26 |
| Bieb bla numru | 27 | Garaxx | 28 |
| Bieb bla numru | 29 | 49 | 30 |
| Garaxx | 31 | 48, Joeann | 32 |

| Isem/Numru Qadim<br>*Old Name/Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Old Name/Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| Garaxx | 33 | Garaxx | 34 |
| St. Joseph | 35 | Garaxx | 36 |
| Garaxx | 37 | 45 | 38 |
| Bieb bla numru | 39 | Bieb tal-ġenb | 40 |
| Garaxx | 41 | Pia Carmel | 42 |
| 20, Providenza | 43 | St. Mary | 44 |
| Garaxx | 45 | St. Rita | 46 |
| 21, Sweetland | 47 | Garaxx | 48 |
| 23 | 49 | Casa Bonello | 50 |
| Bieb bla numru | 51 | Garaxx | 52 |
| 25 | 53 | Garaxx | 54 |
| Garaxx | 55 | Marisa | 56 |
| 27, Casa Carmelo | 57 | Mon Nid | 58 |
| 28, Josmar | 59 | Casa Oleander | 60 |
| Garaxx | 61 | Garaxx | 62 |
| Bieb tal-ġenb | 63 | Delia House | 64 |
| 30, Poseidon | 65 | Garaxx | 66 |
| Bieb tal-ġenb | 67 | Stella Maris | 68 |
| Garaxx | 69 | Garaxx | 70 |
| 31, Madonnina | 71 | Imanuel | 72 |
| 32 | 73 | Garaxx | 74 |
| 33 | 75 | Bieb bla numru | 76 |
| 34 | 77 | Many Things (Flattijiet) | 78 |
| 35 | 79 | Ħanut | 80 |
| 39 | 81 | Speranza | 82 |
| Garaxx | 83 | | |
| Garaxx | 85 | | |
| Garaxx | 87 | | |
| 37 | 89 | | |
| Garaxx | 91 | | |
| Garaxx | 93 | | |
| St. Mary | 95 | | |

TRANSPORT MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 96 tal-2010**

*Logħob tan-Nar mill-Art ta' mal-Plajja taħt iċ-Ċentru tal-Mediterran għal Konferenzi fil-Port il-Kbir*

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir logħob tan-nar minn fuq l-art ta' mal-plajja taħt is-Swar ta' San Lażżru fil-Port il-Kbir (taħt iċ-Ċentru tal-Mediterran għal Konferenzi). Il-logħob tan-nar se jsir minħabba l-festa biex tikkommemora l-1950 sena mill-wasla ta' San Pawl f'Malta.

Il-pożizzjoni approssimattiva tas-sit hija kif ġej:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 35° 54'.016 | 14° 31'.155 |

Id-data u l-ħinijiet tal-logħob tan-nar se jkunu kif ġej:

Il-Ħadd, 17 ta' Ottubru 2010 bejn is-6.15 p.m. u t-8.30 p.m.

Il-baħħara għandhom jieħdu ħsieb dan ta' hawn fuq, iżommu 'l bogħod mill-pożizzjonijiet indikati u jżommu distanza tal-anqas 200m mill-pożizzjoni msemmija hawn fuq. Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (VTS) meta jbaħħru ġewwa jew barra l-Port il-Kbir.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

*Chart* affettwata: BA Chart 177.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

TRANSPORT MALTA

**Notice to Mariners No. 96 of 2010**

*Fireworks display from the Foreshore below the Mediterranean Conference Centre in Grand Harbour*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that a fireworks display will be let off from the foreshore below St Lazarus Bastions in Grand Harbour (below the Mediterranean Conference Centre). The fireworks display is in connection with a feast to commemorate 1950 years from the arrival of St Paul in Malta.

The approximate position of the site shall be as follows

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 35° 54'.016 | 14° 31'.155 |

The date and times of the fireworks display are as follows:

Sunday, 17th October 2010 between 6.15 p.m. and 8.30 p.m.

Mariners are to note the above, give the positions indicated a wide berth, and maintain a safe distance of at least 200m from the above position. Instructions issued by Valletta Port Control (VTS) when navigating in or out of Grand Harbour are to be complied with.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA Chart 177.

15th October, 2010

TRANSPORT MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 97 tal-2010**

*Logħob tan-Nar mill-Art ta' mal-Plajja 'l hinn mil-Lukanda Corinthia San Ġorġ – San Ġiljan*

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir logħob tan-nar minn fuq l-art ta' mal-plajja 'l hinn mil-Lukanda Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan nhar is-Sibt, 16 ta' Ottubru, 2010. Il-logħob tan-nar se jkollu ċ-ċentru tiegħu fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

| *Latitude (T)* | *Longitude (L)* |
|---|---|
| 35°55'.68 | 14°29'.45 |

Il-logħob tan-nar jista' jsir bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m.

TRANSPORT MALTA

**Notice to Mariners No. 97 of 2010**

*Fireworks Display from the Foreshore off Corinthia San Ġorġ Hotel – St Julian's*

The Ports and Yachting Directorate of Transport Malta, notifies mariners that a fireworks display will be held from the foreshore off the Corinthia San Gorg Hotel in St Julian's on Saturday, 16th October 2010. The display will be centered approximately in the following position:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 35°55'.68 | 14°29'.45 |

The fireworks may be held between 8.00 p.m. and 11.00 p.m.

Ma jitħallewx dgħajjes anqas minn 200 metru 'l bogħod mill-pożizzjoni msemmija hawn fuq. Id-dgħajjes kollha rmiġġati fl-inħawi msemmija għandhom jitneħħew.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet li jinħarġu mill-Valletta Port Control (VTS).

*Chart* affettwata: BA Chart 177.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

No boats are allowed within 200 meters from the above position. Any boats berthed within the above area are to be removed.

Mariners are to obey instructions issued by Valletta Port Control (VTS).

Chart affected: BA 177

15th October, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

**Post ta' Uffiċjali tal-Proġetti**

**Dipartiment tas-Sistemi u l-Kontroll fl-Inġinerija**
**Fakultà tal-Inġinerija**

Id-Dipartiment tas-Sistemi u l-Kontroll fl-Inġinerija qed ifittex biex jimpjega numru ta' Assistenti tal-Proġetti biex jikkumplimetaw u jkomplu jsaħħu l-*portfolio* tat-*team* fir-riċerka u profiċjenza li hemm diġà wara li d-Dipartiment rebaħ numru ta' kuntratti li l-valur tagħhom ilaħħaq €1.5 miljun. Min jiġi maħtur ikun mistenni li jaħdem sigħat flessibli li jibdew minn 10 sigħat sa u mhux aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa fid-diskrezzjoni tal-*Manager* tal-Proġett.

2. Il-kandidati mistennija jaħdmu f'ambjent li joffri sodisfazzjon, ikun dinamiku u r-riċerka tkun bażata fuq *team*. Il-kandidati jkunu qegħdin jaħdmu fuq riċerka u żvilupp ta' attivitajiet u proġetti. L-attivitajiet fi ħdan dawn il-proġetti ġeneralment jinvolvu kollaborazzjoni sħiħa mal-imsieħba Ewropew, li jinkludi diversi *stakeholders* maġġuri mis-settur tal-Aeronowtika.

3. Il-kandidati jrid ikollhom grad tajjeb fl-*undergraduate* fl-Inġinerija Elettrika/Elettronika, IT/CT, jew simili.

4. Il-post għandu salarju ta' €9.59 fis-siegħa.

5. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-25 ta' Ottubru 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

UNIVERSITY OF MALTA

**Post of Project Officers**

**Department of Electronic Systems Engineering**
**Faculty of Engineering**

Following the successful award of a number of research contracts worth in excess of €1.5 million, the Department of Electronic Systems Engineering is seeking to employ a number of Project Officers to complement and further strengthen the portfolio of its current research team and expertise. The appointee is expected to work a flexible number of hours starting from 10 hours up to and not exceeding 40 hours per week at the discretion of the Project Manger.

2. Successful candidates can expect to work in a rewarding, dynamic, team-based research environment. Working on cutting-edge research and development activities and projects, activities usually involve close collaboration with European partners, including several of the major stakeholders in the Aeronautics sector.

3. Candidates must be in possession of a good undergraduate degree in Electrical/Electronic Engineering, IT/ICT or similar.

4. The post carries a salary of €9.59 per hour.

5. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates to:-

Director for Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Monday, 25th October 2010.

Late applications will not be considered,

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

Il-15 ta' Ottubru, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

**Vakanzi**

II-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal:

*Facilities and Logistics Co-Ordinator*
*(MPO/205/2005/30) (Permess tal-ETC Nru. 186/2010)*

*Ħtiġiet:*

L-applikanti għandu:

Ikollhom lawrja Universitarja rikonoxxuta, preferibbilment fil-*logistics management*, u

Ikollhom tal-inqas tliet (3) snin esperjenza, preferibbilment fil-*logistics management*.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, l-1 ta' Novembru, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-*Campus* Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
Bini tal-Amministrazzjoni,
*MCAST Main Campus,*
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100,
*Fax*: 2398 7316
*website*: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

6. Further information may be obtained from the Office for Human Resoruces Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

15th October, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

**Vacancies**

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Facilities and Logistics Co-Ordinator
*(MPO/205/2005/30) (ETC Permit No. 186/2010)*

*Requirements:*

Applicants must:

Be in possession of a recognised University degree, preferably in logistics management, and

Have a minimum of three (3) years experience, preferably in logistics management.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 1st November 2010, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus, are to be addressed to:

The Administrative Director,
Administration Building,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

15th October, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

**Vakanzi**

II-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet mingħand *lecturers* li għandhom il-kwalifiki adatti u l-esperjenza biex jgħallmu fl-oqsma li ġejjin:

*Hairdressing* (Malta/Gozo Centre)
*(Permess tal-ETC Nru. 191/2010)*
Tal-anqas, l-applikanti għandu jkollhom kwalifika ta' *Level 4* fil-Hairdressing (City & Guilds jew ekwivalenti) flimkien ma' tal-anqas 5 snin esperjenza f'xogħol relatat.

Matematika
*(Permess tal-ETC Nru. 192/2010)*
L-applikanti għandu jkollhom lawrja ta' B.Ed.(Hons.) fil-Matematika. Dawk gradwati f'suġġetti oħra li jispeċjalizzaw fil-Matematika jiġu kkunsidrati wkoll. Jitqies ta' vantaġġ min ikollu l-PGCE.

*Media (Moving Image)*
*(Permess tal-ETC Nru. 143/2010)*
L-applikanti għandhom ikollhom l-ewwel lawrja f'suġġett relatat mal-*Multimedia* minn istituzzjoni edukattiva relatata.

*Statistics and Business Statistics*
*(Permess tal-ETC Nru. 193/2010)*
L-applikanti għandu jkollhom l-ewwel lawrja fl-Istatistika, e.g. Matematika u Statistika.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, l-1 ta' Novembru, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-*Campus* Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
Bini tal-Amministrazzjoni,
*MCAST Main Campus,*
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100, *Fax*: 2398 7316
*website*: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

**Vacancies**

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill lecturing vacancies from among individuals who are suitably qualified and experienced to teach in the following areas:

Hairdressing (Malta/Gozo Centre)
*(ETC Permit No. 191/2010)*
As a minimum, applicants are expected to have a Level 4 qualification in Hairdressing (City & Guilds or equivalent) together with at least 5 years related work experience.

Mathematics
*(ETC Permit No. 192/2010)*
Applicants should be in possession of a B.Ed.(Hons.) degree in Mathematics. Holders of other degrees specialising in Mathematics will also be considered. Possession of the PGCE will be considered an asset.

Media (Moving Image)
*(ETC Permit No. 143/2010)*
Applicants should be in possession of a first degree in a Multimedia related subject from a recognised higher education.

Statistics and Business Statistics
*(ETC Permit No. 193/2010)*
Applicants should have a first degree related to Statistics, e.g. Maths and Statistics.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 1st November 2010, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus, are to be addressed to:

The Administrative Director,
Administration Building,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100, Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

15th October, 2010

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

**Riżultat tal-Intervista għall-Post ta' *Scientific Officer (Prosthetist/Orthotist)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Is-Segretarju Permanenti jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

MINISTRY FOR HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

**Result of Interview for the Post of Scientific Officer (Prosthetist/Orthotist) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care**

The Permanent Secretary notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 15, Triq il-Merkanti, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

15th October, 2010

UFFIĊĊJU TAT-TAXXI INTERNI

**Riżultat ta' Intervista għall-Post fid-Diviżjoni tal-*Capital Transfer Duty***

Id-Direttur tad-Diviżjoni tal-*Capital Transfer Duty* jgħarraf li r-riżultat tal-intervista għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-boards* prinċipali tad-Diviżjoni tal-*Capital Transfer Duty,* 46, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

OFFICE OF INLAND REVENUE

**Result of Interview for Post with the Capital Transfer Duty Division**

The Director of the Capital Transfer Duty Division notifies that the result of the interview for the above mentioned post has been published and can be viewed on the main notice-boards at the Capital Transfer Duty Division, 46, Triq il-Merkanti, Valletta and on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

15th October, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – EŻAMIJIET TAL-MATSEC

**Ċertifikat tal-Eżami tal-Matrikola Livell Avvanzat u *Intermediate* f'Suġġetti Wieħed Wieħed - Mejju 2011**

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li bi ħsiebhom jagħmlu l-Eżamijiet għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola f'Livell Avvanzat u *Intermediate* f'Suġġetti Wieħed Wieħed - Mejju 2011 li jilqa' applikazzjonijiet minn nhar it-Tnejn, it-8 ta' Novembru 2010 sa nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Novembru 2010 mit-8.00 a.m. sal-4.30 p.m. kif ġej:

*Kandidati f'Malta:*
Dipartiment tal-Eżamijiet
Il-Furjana

*Kandidati f'Għawdex:*
Ċentru tal-Eżamijiet
Ir-Rabat, Għawdex

UNIVERSITY OF MALTA – MATSEC EXAMINATIONS

**Matriculation Certificate and Advanced and Intermediate Level Single Subjects Examination - May 2011**

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the Matriculation Certificate and Advanced and Intermediate Level Single Subjects - May 2011 Examinations that applications will be received as from Monday, 8th November 2010 up to Friday, 19th November, 2010 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:

*Malta Candidates:*
Examinations Department,
Floriana

*Gozo Candidates:*
Examinations Centre,
Victoria, Gozo

*Importanti*

F'isem il-Bord tal-Matsec, id-Dipartiment tal-Eżamijiet jista' jawtorizza li ma jitħallsux id-drittijiet tal-eżamijiet f'każi ta' diffikultajiet finanzjarji ppruvati. Il-ġenituri/tuturi legali tal-applikanti li jikkwalifikaw għall-Għajnuna Soċjali mill-Gvern għandhom jiġbru l-formola "Ma jħallasx" mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, meta jippreżentaw l-irċevuta tal-ħlas.

Il-kandidati li qed jirċievu l-Għotja għal Manteniment ta' Student/*allowance* tat-TAS jew ESTS ma jikkwalifikawx biex ikunu eżenti.

Il-kandidati għandhom jinnotaw li ma jiġix ikkunsidrat li suġġetti ta' Bordijiet ta' barra minn Malta jaħbtu fl-istess ħin ma' dawk ta' Malta.

L-applikanti jistgħu wkoll jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* lil: www.exams.gov.mt Ir-reġistrazzjoni *on-line* tkun disponibbli bejn it-Tnejn, it-8 ta' Novembru 2010 u t-Tnejn it-22 ta' Novembru 2010 sal-4.00 p.m.

Dettalji oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew mill-*website* tad-Dipartiment www.exams.gov.mt

Il-15 ta' Ottubru, 2010

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżamijiet għal-Liċenzja ta' *Wireman* 'A' u 'B' - Lulju 2010**

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

KORPORAZZJONI GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR

**Għeluq tat-Taraġ ta' dak li kien il-Yellow Garage**

Ngħarrfu lill-pubbliku in ġenerali li minħabba x-xogħlijiet li qed isiru fuq il-Proġett ta' Bieb il-Belt, it-taraġ għall-pubbliku magħruf bħala t-taraġ tal-Yellow Garage jinsab magħluq għall-pubbliku u dawk li jużaw il-foss għandhom jużaw it-taraġ temporanju maġenb il-pont ta' Bieb il-Belt.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

*Important*

On behalf of the Matsec Board, the Examinations Department may authorize exemption of fees in cases of proved financial difficulties. The applicants' parents/legal guardians who qualify for Government Social Assistance, are to collect the relevant "Waiving of Fees" form, from the Examinations Department, Floriana, or from the Examinations Centre, Victoria, Gozo, on presentation of the payment invoice.

Candidates who are in receipt of a student Maintenance Grant/TAS or ESTS allowance do not qualify for the exemption.

Candidates should note that clash of subjects with Overseas Examining Boards will be not be considered.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt. The on-line registration will be avilable between Monday, 8th November 2010 and Monday 22nd November 2010 till 4.00 p.m.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examintions Centre, Victoria, Gozo, or from the Department's website on www.exams.gov.mt

15th October, 2010

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**Wireman's Licence 'A' and 'B' Examinations - July 2010**

The Director of Examinations notifies that the final result of the above mentioned examination has been published and may be seen at the Examinations Department, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

15th October, 2010

GRAND HARBOUR REGENERATION CORPORATION

**Closure of the Ex-Yellow Garage Staircase**

The general public is hereby notified that due to the current works on the City Gate Project, the public stairs known as the Yellow Garage staircase is closed for the general public and ditch users are to use the new temporary staircase erected by the side of the City Gate bridge.

15th October, 2010

ATT TAL-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

**Avviż**

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att tal-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Paola huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

**Kandidati Nominati**

FERRIS MARK ANTHONY
SMART ALEXANDRA

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sinjorina Helena Ebejer għal-Lokalità ta' Paola, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att tal-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar it-Tnejn, it-18 ta' Ottubru, 2010 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

**Notice**

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Paola are the following that is:

**Nominated Candidates**

FERRIS MARK ANTHONY
SMART ALEXANDRA

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Ms Helena Ebejer for the Locality of Paola, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993 on Monday, 18th October, 2010 at noon at the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

15th October, 2010

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi skont Klawsola 5(2) (f) tar-Regolamenti tal-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku, ġew approvati l-varjazzjonijiet li ġejjin mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp.

| Suġġett u Lokazzjoni<br>*Subject and Location* | Kuntrattur<br>*Contractor* | Data tal-approvazzjoni<br>*Date of Approval* | Varjazzjoni<br>*Variation* |
|---|---|---|---|
| Road works at Triq Seguna, Sannat | A F Ellis (Home Décor) Ltd | 17.11.2009 | €7,966.46 |
| Supply, installation and commissioning of an electrically operated rising arm barrier at the Administration Centre Parking | Alberta Fire Fighting Equipment | 18.11.2009 | €768.89 |
| Lowering of part of internal floor at Xewkija Civil Abattoir | Pius Attard | 05.05.2010 | €581.00 |

Il-15 ta' Ottubru, 2010

MINISTRY FOR GOZO

The Ministry for Gozo notifies that in terms of Clause 5 (2) of the Public Service (Procurement) Regulations, 1996, the following variations from the Department of Projects and Development Gozo were approved.

| Suġġett u Lokazzjoni<br>*Subject and Location* | Kuntrattur<br>*Contractor* | Data tal-approvazzjoni<br>*Date of Approval* | Varjazzjoni<br>*Variation* |
|---|---|---|---|
| Road works at Triq Seguna, Sannat | A F Ellis (Home Décor) Ltd | 17.11.2009 | €7,966.46 |
| Supply, installation and commissioning of an electrically operated rising arm barrier at the Administration Centre Parking | Alberta Fire Fighting Equipment | 18.11.2009 | €768.89 |
| Lowering of part of internal floor at Xewkija Civil Abattoir | Pius Attard | 05.05.2010 | €581.00 |

15th October, 2010

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi nhar is-Sibt, it-23 ta' Ottubru 2010, Misraħ ir-Rebħa, Misraħ Toni Bajada u parti minn Vjal il-Labour se jitqiesu bħala żoni ta' rmonk u ħadd ma jista' jipparkja hemm bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl. Parti minn Vjal il-Labour, Triq Santa Luċija, Triq il-Markiż Scicluna, Triq il-Kbira u Triq il-Parroċċa se jkunu magħluqa għat-traffiku mill-4.00 p.m. 'il quddiem.

Mill-4.00 p.m. 'il quddiem, il-venda tat-trasport pubbliku se tkun ħdejn l-Iskola Primarja tan-Naxxar minflok fil-Pjazza.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that on Saturday, 23rd October 2010, Misraħ ir-Rebħa, Misraħ Toni Bajada and part of Vjal il-Labour will be considered as a tow zone area and no parking shall be allowed between 4.00 p.m. and midnight. Part of Vjal il-Labour, Triq Santa Luċija, Triq il-Kbira, Triq il-Markiż Scicluna and Triq il-Parroċċa shall be closed for traffic from 4.00 p.m. onwards.

From 4.00 p.m. onwards, the public transport terminus shall operate from next to the Naxxar Primary School instead of the Main Square.

15th October, 2010

KUNSILL LOKALI TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ jgħarraf li nhar il-Ħadd 17 ta' Ottubru 2010 bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m., Misraħ San Filep u parti minn Triq Antonio Sciortino se jkunu magħluqa għat-traffiku. Dan peress li se ssir attività kulturali f'Ħaż-Żebbuġ.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija.

Il-15 ta' Ottubru, 2010

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that on Sunday 17th October 2010, Misraħ San Filep and part of Triq Antonio Sciortino will be closed to traffic between 10.00 a.m. and 1.00 p.m. due to a cultural activity in Ħaż-Żebbuġ.

Parking will not be permitted in the above mentioned road.

15th October, 2010

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

